*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**AĠENDA NUMRU 19 – 5 ta' Awissu 2020**

***Minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-Erbgħa 5 ta' Awissu, 2020 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fil-Kunsill Lokali fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 19. Il-laqgħa bdiet fl-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kien hemm l-ebda kunsillier li ma kienx preżenti.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li l-minuti jiġu approvati kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea informa lill-Kunsill li qed jitħaddem ħaddiem ġdid mis-CWSEF. Infurmahom ukoll li kien twaqqaf wieħed mill-ħaddiema li kien jaħdem mal-Kunsill.

**19.4 Festa San Filep 2020;**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li minn meta kienet deċiża l-aġenda, ġie deċiż mill-awtoritajiet li l-festi ser ikunu kkanċellati.

**19.5 Jum Ħaż-Żebbuġ 2020;**

Għall-istess raġuni, Jum Ħaż-Żebbuġ din is-sena mhux ser isir. Wara diskussjoni kien deċiż li Ġieħ Ħaż-Żebbuġ jingħata lil Dr. Gauden Galea għas-sehem tiegħu li qed jagħti fir-riċerka dwar il-Covid 19. Dr. Gauden Galea huwa wkoll rapprezentant tal-WHO ġewwa ċ-Ċina. Bħala rikonoxximent għax-xogħol tagħhom il-Kunsill qabel li jippremja lil :

Steph Micallef – ko-ordinatriċi ta' min kien jonqsu xi bżonnijiet fi żmien il-partial lockdown fil-bidu tal-pandemija

Eman Azzopardi – min jeddu jorganizza clean-ups fil-widien

It-Team tal-IT tal-Każin Banda San Filep – kienu nkarigati mit-trasmissjoni tal-quddies mill-Knisja Arċipretali ta' kuljum permezz tal-Internet meta kienet għaddejja l-partial lockdown u l-knejjes kienu magħluqa.

Minħabba li mhiex ser issir l-attivita tas-soltu, ġie deċiż li se ikun hemm recording ta' filmat li wara ser jidher fuq il-paġna tal-Kunsill.

## 19.6 PA4963/20 – Dar Bjorn

Waqt diskussjoni ħarġet biċ-ċar li l-Kunsill huwa kontra l-binja kif ġiet emendata minħabba li ser jinħoloq problema kbira ta' parkeġġ. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li kien avviċċinat mir-residenti tal-akwata u wrewh l-intenzjoni li tinġabar petizzjoni sabiex din l-emenda għall-pjanta ma tingħatax. Il-Kunsillier David Battistino qal li bħala gwardjani tar-residenti, il-kunsill għandu jagħmel il-parti tiegħu u joġġezzjona għal din l-emenda. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li huwa ser jikkonsulta mal-Perit qabel ma jissottometti l-oġġezzjoni.

Sadanittant fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, sekondata mill-Kunsillier David Battistino, il-Kunsill qabel unanimament li huwa kontra li jitneħħa jew jonqos il-parkeġġ minn din il-binja ta' Dar Bjorn, minħabba li skont il-pjanti l-ġodda li qed jidhru l-parking kważi tneħħa kompletament.

Sadanittant il-Kunsillier Steve Zammit Lupi tkellem dwar il-proġett tal-Housing li ser isir fi Triq Ħal Sajd. Il-Kunsillier Zammit Lupi jinsab imħasseb dwar il-fatt li ser ikun hemm ħafna units u ftit parkeġġ u allura ser tiżdied il-problema tal-parkeġġ. Wara diskussjoni l-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li għandu jagħmel rappreżentazzjoni dwar il-fatt li għandu jiżdied il-parkeġġ u anke sabiex ikun hemm parking ukoll għar-roti. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Kien hemm qbil unanimu.

Affarijiet Oħra

- Dwar il-laqgħa t'informazzjoni li ser issir fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ dwar il-Proġett ta' Tisbiħ li ser jsir fi Vjal il-Ħelsien, is-Sindku qal li jaf tiġi kkanċellata minħabba żviluppi dwar il-Covid.
- Il-Kunsillier George Cortis qal li l-irħama tal-monument għall-vittmi tan-nar, għandha tinbidel sabiex jitħalla aktar spazju għall-aktar ismijiet.
- Il-Kunsillier Patrick Bonnici ppropona li l-Kunsill jixtri sistema ta' drip irrigation għal Gnien it-Tfulija u għal-Ġnien tal-Grazzja. Kien hemm qbil li dan għandu jsir. L-ispiża hija ta' madwar Eur500.
- Kien hemm qbil li jinxtara s-sistema tal-PABX sabiex tiffaccilita ix-xogħol tal-ufficċju
- Kien hemm qbil  li l-Kunsill għandu jixtri vann sabiex jintuża mill-ħaddiema.

**19.7 Vot tal-Flus**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-vot tal-flus jiġi approvat kif preżentat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu.

**19.8 Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:55pm u ġiet aġġornata għall-ewwel Erbgħa tax-xahar ta' Settembru.

**Dr. Malcolm P. Galea**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

,